TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/176/16/S

Carlo Grech
Vs
Tabone Computer Centre Ltd

Illum 15 ta'Gunju,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Carlo Grech ipprezentata fl-4 t'Ottubru,2016 u r-risposta tas-socjeta Tabone Computer Centre Ltd ipprezentata fis-27 t'Ottubru,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fis-seduta tal-15 ta'Dicembru,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda buttuna li naqlghet mill-'keyboard' tal-'laptop' u dan wara xahar u nofs mix-xiri tal-istess. Is-socjeta intimata kkontendiet li ksur mhuwiex kopert mill-garanzija;

Illi din il-pendenza setghet facilment tigi risolta minghajr il-bzonn ta' rikors ghal dawn il-proceduri;

Illi jinghad mal-ewwel li skont ir-rikorrenti, huwa kellu garanzija estiza ghal 3 snin ghalkemm is-socjeta intimata qed issostni li din ma tkoprix 'broken plastic parts' u dan skont Dok A pprezentat waqt il-proceduri;

Illi ma saritx il-prova li l-bicciet tal-plastik inkissru kif sostnut mis-socjeta intimata u cioe b'konsegwenza li r-rikorrent ipprova jwahhalha;

Illi gjaladarba ma saritx tali prova, il-garanzija hija applikabbli u r-rikorrent ghandu dritt li tinbidillu l-parti mkissra;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti ghandha tintlaqa';

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Carlo Grech filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Tabone Computer Centre Ltd u Jordna lill-istess Tabone Computer Centre Ltd tibdel minghajr ebda hlas il-parti mkissra fil-'laptop' imsemmi, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru